# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Jannar 2020

**Rikors Numru : 53/2019 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**AA**

**Vs**

**CA**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AA, datat 1 ta' Frar 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet zzewgu fl-24 ta' Novembru 1984 fil-Knisja Parrokjali ta' San Duminku, il-Belt Valletta, liema zwieg gie registrat mar-Registru Pubbliku bin-numru progressiv X kif jirrizulta mic-certifkat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok A.*

*Illi l-partijiet issepparaw permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Annalise Micallef tas-16 ta' Jannar 2015 li kopja tieghu qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B.*

*Illi l-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal oltre 4 snin intitolati biex japplikaw ghad-divorzju.*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u l-partijiet huma kuntenti jghixu l-hajja separata taghhom u dan kif jirrizulta mill-*

*affidavit ta'l-esponenti hawn anness u mmarkat Dok C.*

*Illi skond it-termini tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-konjugi m'ghandhom jircievu l-ebda manteniment reciproku.*

*Illi in oltre minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom hamest it-tfal, li minnhom erbgha, ossija Di, Dl, Mn u Ml huma maggiorenni, filwaqt li l-manteniment ta' Cy A, li llum ghandha 14-il sena huwa kollu imhallas, u ma hemmx pendenzi.*

*Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksieb tad-divorzju, skond l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.*

2. *Tordna lir-Registraur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Regsitru Pubbliku b'dan il-hall taz-zwieg.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' CA, datata 11 ta' Marzu 2019, a fol 16, li taqra hekk:

1. *Illi huwa minnu li, kif espona ir-rikorrenti, il-partijiet ilhom jghixu hajja separata ghal oltre 4 snin peress li kienu isseparaw permezz ta' kuntratt fl-Atti tan-Nutar Annalise Micallef datat 16 ta' Jannar 2015;*

2. *Illi l-Artikolu 1 tal-imsemmi kuntratt jistipula illi:*

3. *Il-partijiet qeghdin jaqblu illu l-kura u l-kustodja tal-minuri CyA fdata f'idejn il-mara b'dan illi l-minuri ghandha ikollha residenza ordinarja taghha mal-mara.;*

4. *u l-Artikolu 4 tal-imsemmi kuntratt jistipula illi:*

5. *'Ir-Ragel obbligat illi jaghti lill-mara manteniment ta' bintu minuri, mitejn Ewro (€200) fix-xahar lill-mara, liema somma tizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja awtomatikament u liema manteniment jibqa jithallas mir-ragel sakemm it-tifla tispicca l-edukazzjoni taghha, inkluza dik terzjarja, jekk applikabbli u/jew tibda tahdem full time, liema jigi l-ewwel. Fl-eventwalita. illi t-tifla tkompli l-istudji taghha l-manteniment dovut jibqa jithallas sakemm din ikollha l-eta ta' tlieta u ghoxrin (23) sena.';*

6. *Illi minkejja l-fatt li l-manteniment ghadu dovut peress li l-minuri illum ghandha 14 il-sena u ghada tistudja, l-esponenti ilha ma tircievi manteniment ghat-tifla ghal dawn l-ahhar tlett snin!;*

7. *Illi wahda mir-rekwiziti sabiex jinghata divorzju hekk kif stipulata fl-artikolu 66B tal-Kodici Civili hija mankanti peress illi kuntrarjament ghal dak li inghad mir-rikorrenti AA huwa ilu tlett snin ma jaghti lill-mara bhala manteniment ta' bintu minuri, il-mitejn Ewro (€200) fix-xahar kif obbliga ruhu li jaghmel fil-kuntratt u ghaldaqstant hemm dovut minnu manteniment komplessivament ammontanti ghal sebat elef u mitejn Ewro (€7200);*

8. *Illi minghajr pregudizju ghas-suespost, l-esponenti ma hiex qed taghti l-kunsens taghha ghal divorzju stante illi ma thossx li ghandha taghmel hekk.*

*Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat ir-rikors ta' CA, datat 15 ta' April 2019, a fol 20, et seqq., li jaqra hekk:

*Illi f'xi gurnata ta' Frar 2019 l-esponenti rceviet dokumenti mill-Qorti li skond kif kienet infurmata mill-Marixxal, kienu dokumenti ghad-divorzju u l-mohh taghha dak in-nhar haseb biss li, lejn dawn id-dokumenti, ghandha taghti daqqa t'ghajn u tinnota biss id-data tal-20 ta' Marzu 2019;*

*Illi l-mohh tar-rikorrenti haseb biss hekk peress li kienet ghaddejja minn zmien ferm*

*ikrah – mentalment u emozjonalment imkissra u dan kif ser jigi spjegat:*

i. *Preliminarjament irrid jinghad illi f'Jannar 2015, il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni u dan ghaliex wara tnejn u tlettin (32) sena zwieg l-attur AA ried jissepara peress li martu r-rikorrenti, skond hu, ma kienetx kapaci trabbi u tikkontrolla l-hamest itfal taghhom partikolarment liz-zewg guvintur tan-nofs;*

ii. *B'din is-separazzjoni r-rikorrenti tkissret emozjonalment mhux ghax biss sabet ruhha tghix wahedha izda ukoll ghax kellha tiffaccja minghajr sapport ta' hadd il-problemi li kienu jezistu ta' dawn iz-zewg guvintur uliedhom li sfortunatament kienu qabdu triq hazina u ta' spiss kien ikollhom xi jghidu ma' missierhom u gieli anke gew fl-idejn u spiccaw ulied versu il-missier il-Qorti;*

iii. *Sena wara s-separazzjoni, r-rikorrenti, f'dawn ic-cirkostanzi xejn felici u negattivi, mkissra u bla ebda xaqq ta' dawl li l-hajja tista' tirranga, qatghet qalbha u spiccat, minhabba l-istat mentali, rikoverata l-isptar;*

iv. *Kienet minhabba din ic-cirkostanza li l-minuri Cy kellha, kontra qalbha, titlaq mid-dar ta' ommha u tmur toqghod temporanjament ma ohtha l-kbira Di, u dan sakemm ommha tiehu lura sahhitha mentali;*

v. *sadanitant, waqt li l-ex ragel taghha kien qed jiffrekwenta Filippina, ir-rikorrenti, ta' omm li hi, ma abbandunatx jew kecciet minn darha lil dawn iz-zewg uliedha, imma baqghet wahedha kontinwament tissielet u tiffacja u taqsam l-inkwiet taghhom;*

vi. *F'dawn ic-cirkostanzi, bhalikieku ma kienx bizzejjed irceviet it-talba ghad-divorzju li hallietha fi stat ta' xokk, b'effett negattiv mentalment u emozjonalment ikkawzat mill-agir insensittiv, inuman u irresponsabbli tal- ex-ragel – tant kien hemm li lanqas biss illum tiftakar il-gurnata jew id-data li rceviet dawn id-dokumenti;*

vii. *Kien biss wara li mentalment issettiljat ftit li r-rikorrenti, kkuntatjat l-avukata taghha sabiex tinfurmah fuq is-seduta tal-20 ta' Marzu 2019, bl-inqas hsieb li dawn id-dokumenti kienu jirrikjedu risposta f'termini ta 20 gurnata;*

*Illi meta jigiu kkunsidrati dawn ic-cirkostanzi jirrizulta li zgur ma kienetx il-volonta' ta' l-esponenti li ma tipprezentax risposta fit-terminu ta' 20 gurnata – dan gara lanqas ghax injorat jew iddispettat ghas-sejha tal-Qorti, jew ghax kienet negligenti – ic-cirkostanza li sabet ruhha fiha, bla htija, mhux biss fixkilha fil-hsieb taghha imma anke fixkel tal-mohh taghha.*

*Ghaldaqstant l-esponenti bl-umilta' titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tigi akkordata zmien bex tipprezenta in-nota ta' eccezzjonijiet taghha u dan taht kull provvediment li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.*

Rat ir-risposta ta' AA, datata 2 ta' Mejju 2019,a fol 23 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi din ir-risposta qeghda ssir in segwitu ghar-rikors intavolat mill-kontro-parti tal-15 ta' April 2019 koncernanti t-talba sabiex tiggustifika l-kontumacja taghha.*

*Illi dak allegat mil-intimat huwa kollu kongetturi u invertjier u sar biss bhala skuza ghan-nuqqas taghha li tipprezenta r-risposta fil-hin. Illi fl-ewwel lok jigi rilveta illi ma hemm xejn fir-rikors li b'xi mod jew iehor jista effetivament iwassal sabiex jiggustifika l-fatt illi l-intimata, minflok irrispondiet fi zmien 20 gurnata kif trid il-ligi, ma tghat kas xejn u halliet it-terminu jghaddi.*

*Illi dan kollu l-intimata tipprova taghmlu biex tiggustifika l-fatt illi wara tliet snin li l-minuri Cy A ghamlet tghix mat-tifla l-ohra tal-partijiet Di A, minhabba l-fatt li l-ambjent fid-dar ta' l-omm ma kienx idoneju sabiex titrabba it-tifla fih, ghaliex huwa ambjent mimli dagha, sigaretti, loghob, u sahansitra drogi.*

*Illi dan sar bi qbil bejn il-partijiet, li qablu ukoll illi gia la darba it-tifla Cy qeghda titrabba minn Di A, mela ikun xieraq illi l-manteniment jithallas direttament mill-missier lill-Di A, li kien mhux biss ihallas l-ammont stipulat fil-kuntratt, imma kien ukoll ihallas hafna aktar.*

*Illi llum il-gurnata, wara li l-omm kienet qablet li l-manteniment jithallas direttament lill-Di A gia la darba bdiet trabbi il-minuri hi, wara tliett snin qeghda tabbuza mis-sitwazzjoni u tippretendi illi l-hlas li sar lill-Di A jithallas lilha, u dan minkejja li hi*

*kienet qablet mod iehor tliett snin ilu.*

*Ovjament il-fatt li kienet qablet jirrizulta mill-fatt l-omm qatt ma pretendiet manteniment u stenniet tlett snin shah tqajjem din il-kwistjoni. Ovjament, dan qatt ma ghamlitu ghaliex Di A rabbiet lil Cy, u ghalhekk l-omm qablet li tithallas hi.*

*Tajjeb li jinghad ukoll illi b'kumbinazzjoni, dawn il-pretensjonijiet qamu issa li l-omm spiccat la flus, minkejja illi hija tippercepixxi kirja ta' €3000 u dan apparti li b'kuntratt ta' bejgh li ghamlet ippercepiet is-somma ta' €750,000. Ovjament ma qamux tlett snin ilu ghax l-omm kienet accettat u qablet li Di A tithallas il-manteniment.*

*Illi l-qbija tal-kontenut tar-rikors m'huwiex minnu, u semmai, bl-ebda mod ma jista jiggustifika il-kontumacja. L-unika haga li tohrog mill-istess rikors hija li l-mara, bi traskuragni, ma tatx kas iz-zmien li beda jidekorri, halliet 20 gurnata jghaddu, u ovjament waqghet kontumacji.*

*Illi dan l-ghagir m'ghandu gustifikat mill-Qorti, u effetivament in-negligenza, u l-attitudni tax-xejn mhu xejn, certament m'hix skuza valida ghall-tali nuqqasijiet.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-Qorti tibda billi taghraf illi t-terminu t'ghoxrin gurnata koncess lill-konvenuta sabiex tirrispondi m'huwiex terminu legali, peress illi m'huwiex impost bil-ligi, izda huwa terminu gudizzjarju stante li gie iffissat minn din il-Qorti fid-diskrezzjoni taghha fid-digriet tal-4 ta' Jannar 2019. F'dan ir-rigward, intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Cassar noe vs Miriam Cavallo et** deciza fit-2 t'April 2004 illi:

> ***"Kif inhu maghruf it-termini procedurali huma jew legali ossija gudizzjarji, ghax imposti mil-ligi jew gudizzjali, ghax imposti mill-Qorti. Meta ma humiex perentorji z-zmenijiet legali jistghu jigu mgedda kif dispost fl-***

> ***Artikolu 106 tal-Kapitolu 12; fil-kaz ta' termini gudizzjali li ma jkunux perentorji dawn jistghu jigu prorogati basta li t-talba ssir qabel ma jiskadi t-terminu (Kollez. Vol. XXXIII P I p 321).***"

Din l-insenjament huwa bbazat fuq l-Artikolu 106 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi illi:

> "***Iż-żmien legali jew ġudizzjarju, meta mhux perentorju, jista' jiġġedded għal raġuni tajba, kemm-il darba t-talba għal dan it-tiġdid tiġi magħmula fiż-żmien li tiegħu jintalab it-tiġdid.***"

Mill-atti jirrizulta illi l-konvenuta giet notifikata bir-rikors promotur tal-attur fit-8 ta' Frar 2019. Kif jidher mid-digriet ta' din il-Qorti tal-5 ta' Frar 2019, il-konvenuta kienet giet koncessa ghoxrin gurnata sabiex tipprezenta r-risposta taghha. Ghalhekk, hija kellha zmien sabiex tressaq risposta sat-28 ta' Frar 2019, u kellha cans sal-istess data, ai termini tal-Artikolu 106, sabiex tressaq talba lil Qorti biex jigi estiz dan it-terminu gudizzjarju. Mill-atti jirrizulta illi l-konvenuta sussegwentement ipprezentat ir-risposta taghha fil-11 ta' Marzu 2019, u ma jirrizultax illi hija kienet ressqet talba sabiex it-terminu gudizzjarju impost mill-Qorti jigi estiz, jew imqar awtorizazzjoni sabiex tipprezenta r-risposta tardivament.

Il-konvenuta imbaghad prezentat rikors fil-15 t'April 2019 sabiex tipprova tiggustifika l-prezentata tardiva tar-risposta taghha. F'dan ir-rikors hija allegat illi wara s-separazzjoni tal-partijiet fl-2015 hija kienet tkissret emozzjonalment tant illi sena wara sfat rikoverata l-isptar minhabba l-istat mentali taghha. Tallega wkoll illi meta l-marixall li effettwa n-notifika kienet qalilha li dawn kienu atti ta' divorzju hija xxokkjat ruhha u ghalhekk ma rrealizatx illi kellha ghoxrin gurnata zmien sabiex tipprezenta r-risposta taghha. Minn naha tieghu l-attur isostni illi m'hemm xejn f'dan ir-rikors illi jiggustifika n-nuqqas tal-konvenuta li tipprezenta r-risposta taghha fil-hin.

Il-Qorti tosserva illi fis-seduta tal-14 t'Ottubru 2019 il-konvenuta iddikjarat illi m'ghandhiex provi x'tipproduci u li qed tistrieh fuq dak li gie premess fir-rikors taghha tal-15 t'April 2019. Il-Qorti tosserva inoltre illi r-rikors tal-15 t'April 2019 lanqas ma huwa guramentat, u ghalhekk ma jikkostitwix prova tal-kontenut tieghu. Illi ghalhekk, jirrizulta illi l-konvenuta ma ressqet l-ebda provi sabiex tissostanzja dak premess fir-rikors u effettivament tiggustifika t-tardivita tal-prezentata tar-risposta. Fin-nuqqas ta' tali provi, din il-Qorti ghandha idejha marbutin, ghaliex kien id-dover tal-konvenuta illi taghti raguni valida sabiex tiggusitifika l-fatt li la prezentat ir-

risposta entro termine, u lanqas ma prezentat rikors ghall-estensjoni tat-terminu. Huwa zgur illi d-decizjoni ta' din il-Qorti ma tistghax tkun ibbazata fuq meri allegazzjonijiet u kongetturi, u ghaldaqstant tqis illi r-rikors tal-15 t'April 2019 ghandu jigi michud, u r-risposta tardiva prezentata mill-konvenuta ghandha tigi sfilzata.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad ir-rikors tal-konvenuta tal-15 t'April 2019, tiddikjara illi r-risposta prezentata mill-konvenuta giet prezentata ingustifikabbilment fuori termine u konsegwentement tordna l-isfilz tar-risposta taghha tal-11 ta' Marzu 2019 mill-process.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**